

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1068**tal-1 ta' Ġunju 2023****li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għaċ-ċjantraniliprol f'ċerti prodotti jew fuqhom****(Test b'rilevanza għaċ-ĊEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u animali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1), il-punt (a), tiegħu,

Billi:

- (1) Il-livelli massimi ta' residwi ("MRLs") għaċ-ċjantraniliprol ġew stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (2) Fir-rigward taċ-ċjantraniliprol, tressqet applikazzjoni għat-tolleranzi tal-importazzjoni skont l-Artikolu 6(2) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 għal dik is-sustanza użata fil-Kanada u fl-Istati Uniti fuq il-patata, il-"ħxejjex tropikali tal-għeruq u tat-tuberi", il-"kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx", il-"Kaboċċi Ċiniżi/pe-tsai, brassika bil-weraq oħra", il-"ħass u pjanti tal-insalata", l-"ispinaċi u weraq simili" (ħlief l-ispinaċi), it-tursin u żrieragħ taż-żejt minuri (jiġifieri żerriegħa tal-kittien, żrieragħ tal-ġulġlien, żerriegħa tal-mustarda, żerriegħa tal-qara' aħmar, żrieragħ tal-għosfor, żrieragħ tal-fidloqqom, żrieragħ tal-camelina sativa, żrieragħ tal-qannebusa u fażola tar-rigħnu). L-applikant ipprova *data* li turi li l-użi awtorizzati ta' dik is-sustanza fuq dawn l-għelejjel fil-Kanada u fl-Istati Uniti jwasslu għal residwi oġġha mill-MRLs stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u li jeħtieġ li jkun hemm MRLs oġġha sabiex jiġu evitati l-ostakli kummerċjali għall-importazzjoni ta' dawk l-għelejjel lejn l-Unjoni. Tressqet applikazzjoni oħra skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 li titlob modifika tal-MRLs eżistenti għall-berquq.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, dawk iż-żewġ applikazzjonijiet ġew evalwati mill-Istat Membru kkonċernat u r-rapporti ta' evalwazzjoni ntbagħtu lill-Kummissjoni.
- (4) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, ("l-Awtorità") ivvalutat l-applikazzjonijiet u r-rapporti ta' evalwazzjoni, u b'mod partikolari eżaminat ir-riskji għall-konsumaturi u, fejn kien rilevanti, għall-annimali, u tat opinjoni motivata dwar l-MRLs proposti ⁽²⁾. Għaddiet din l-opinjoni lill-applikant, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri u ppubblikatha.
- (5) Fir-rigward taċ-ċjantraniliprol fil-berquq, fil-patata, fil-"ħxejjex tropikali tal-għeruq u tat-tuberi", fil-"kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx", fil-Kaboċċi Ċiniżi/pe-tsai, brassika bil-weraq oħra, fl-iskalora/indivja bil-weraq wesgħin, fl-"ispinaċi u weraq simili" (ħlief l-ispinaċi) u fit-tursin, l-Awtorità kkonkludiet li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-manigġers tar-riskju peress li xi informazzjoni dwar it-tossiċità tal-prodotti ta' degradazzjoni taċ-ċjantraniliprol fil-prodotti pproċessati ma kinitx disponibbli. Billi l-Awtorità kkonkludiet li l-esponiment tal-konsumaturi għal dawk il-prodotti ta' degradazzjoni huwa baxx u li l-marġni ta' sikurezza huwa wiesa', jixraq li jiġi propost li jiġu stabbiliti l-MRLs imnissla mill-Awtorità għaċ-ċjantraniliprol f'dawk il-prodotti kollha.
- (6) Fir-rigward taċ-ċjantraniliprol fil-ħass, l-Awtorità kkonkludiet li kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-manigġers tar-riskju fir-rigward tal-għażla tas-sett tad-*data* biex jitnisslu l-MRLs. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Awtorità, jixraq li jiġi propost li l-MRL għaċ-ċjantraniliprol fil-ħass jiġi stabbilit għal 15 mg/kg abbażi tad-*data* dwar ir-residwi fuq il-ħass tal-weraq miftuħa.

⁽¹⁾ ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

⁽²⁾ Reasoned Opinion on the modification of the existing maximum residue level for apricots and setting of import tolerances for cyantraniliprole in various crops. EFSA Journal 2022;20(3):7219.

- (7) Fir-rigward tal-modifiki l-oħra kollha lill-MRLs mitluba mill-applikanti għaċ-ċjantraniliprol, l-Awtorità kkonkludiet li r-rekwiżiti kollha fir-rigward tal-kompletezza tad-*data* sottomessa ġew issodisfati u li, abbażi tal-valutazzjoni tal-esponiment tal-konsumatur għal 27 grupp ta' konsumaturi speċifiċi Ewropej, il-modifiki tal-MRLs mitluba mill-applikanti kienu aċċettabbli mill-aspett tas-sikurezza tal-konsumatur. Fil-valutazzjoni tagħha, l-Awtorità qieset l-aktar *data* reċenti dwar il-proprjetajiet tossikoloġiċi tas-sustanza. La l-esponiment fit-tul għal dik is-sustanza mill-konsum tal-prodotti tal-ikel kollha li jista' jkun fihom dik is-sustanza, u lanqas l-esponiment għal perjodu qasir minħabba konsum għoli tal-prodotti rilevanti ma wera riskju li jinqabeż il-konsum aċċettabbli ta' kuljum jew id-doża akuta ta' referenza.
- (8) Abbażi tal-opinjoni motivata tal-Awtorità, u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti elenkati fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-modifiki proposti lill-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dak l-Artikolu.
- (9) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-kolonna għaċ-ċjantraniliprol hija sostitwita b'dan li ġej:

“Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg)

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs ^(a)	Ċjantraniliprol
1)	2)	3)
0100000	FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR	
0110000	Frott taċ-ċitru	0,9
0110010	Grejpfrut	
0110020	Larinġ	
0110030	Lumi	
0110040	Xkomp	
0110050	Mandolin	
0110990	Oħrajn (2)	
0120000	Ġewż tas-siġar	0,04
0120010	Lewż	
0120020	Ġewż tal-Brażil	
0120030	Ġewż tal-anakardju	
0120040	Qastan	
0120050	Ġewż tal-Indi	
0120060	Ġellewż	
0120070	Macadamia	
0120080	Ġewż Amerikan	
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu	
0120100	Pistaċċi	
0120110	Ġewż	
0120990	Oħrajn (2)	
0130000	Pomu	0,8
0130010	Tuffieħ	
0130020	Lanġas	
0130030	Sfarġel	
0130040	Naspli	
0130050	Naspli tal-Ġappun	
0130990	Oħrajn (2)	

1)	2)	3)
0140000	Frott tal-għadma	
0140010	Berquq	0,7
0140020	Ċiras (ħelu)	6
0140030	Ħawħ	1,5
0140040	Għanbaqar	0,7
0140990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0150000	Kukku u frott iżghir ieħor	
0151000	(a) għeneb	1,5
0151010	Għeneb tal-mejda	
0151020	Għeneb għall-inbid	
0152000	(b) frawli	1,5
0153000	(c) frott tal-kannamiela	0,01 (*)
0153010	Tut	
0153020	Tut salvaġġ	
0153030	Lampun (aħmar u isfar)	
0153990	Oħrajn (2)	
0154000	(d) frott iżghir u kukku oħrajn	
0154010	Mirtill	4
0154020	Cranberries	0,08
0154030	Ribes (ħamra, sewda u bajda)	4
0154040	Ribes bix-xewk (ħodor, ħomor u sofor)	4
0154050	Warda skoċċiża	4
0154060	Ċawsli (iswed u abjad)	0,01 (*)
0154070	Għanzalor/naspli tal-Mediterran	0,8
0154080	Frott tas-sebuqa	0,01 (*)
0154990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0160000	Frott ta' diversi tipi bl-affarijiet li ġejjin:	
0161000	(a) b'qoxra li tittiekkel	
0161010	Tamal	0,01 (*)
0161020	Tin	0,01 (*)
0161030	Żebbuġ tal-mejda	3
0161040	Larinġ tal-qsari	0,01 (*)
0161050	Karambola	0,01 (*)
0161060	Kaki	0,8
0161070	Għanbaqar ta' Ġava	0,01 (*)
0161990	Oħrajn (2)	0,01 (*)

1)	2)	3)
0162000	(b) b'qoxra li ma tittikilx, u żgħir	0,01 (*)
0162010	Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar, isfar)	
0162020	Liċċi	
0162030	Frott tal-passjoni	
0162040	Bajtar tax-xewk	
0162050	Tuffieħ stilla	
0162060	Frott tal-kaki tal-Virginja	
0162990	Oħrajn (2)	
0163000	(c) b'qoxra li ma tittikilx, u kbir	
0163010	Avokado	0,01 (*)
0163020	Banana	0,01 (*)
0163030	Mango	0,7
0163040	Papaja	0,01 (*)
0163050	Rummien	0,01 (*)
0163060	Ċerimoja	0,01 (*)
0163070	Gwava	0,01 (*)
0163080	Ananas	0,01 (*)
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż	0,01 (*)
0163100	Durian	0,01 (*)
0163110	Il-frotta tal-annona	0,01 (*)
0163990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0200000	ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT	
0210000	Ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi	
0211000	(a) patata	0,15
0212000	(b) ħxejjex tropikali tal-għeruq u tat-tuberi	0,15
0212010	Għeruq tal-kassava	
0212020	Patata ħelwa	
0212030	Jammijiet	
0212040	Ararut	
0212990	Oħrajn (2)	
0213000	(c) ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi ħelwa	0,05
0213010	Pitravi	
0213020	Zunnarija	
0213030	Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi	
0213040	Għeruq tal-mustarda	
0213050	Artiċokks	

1)	2)	3)
0213060	Zunnarija bajda	
0213070	Tursin ta' Hamburg	
0213080	Ravanell	
0213090	Leħjet il-bodbod	
0213100	Swedes	
0213110	Lift	
0213990	Oħrajn (2)	
0220000	Ħxejjex tal-basla	
0220010	Tewm	0,05
0220020	Basal	0,05
0220030	Xalotti	0,05
0220040	Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales	8
0220990	Oħrajn (2)	0,05
0230000	Ħxejjex tal-frott	
0231000	(a) Ħxejjex tal-frott tal-familja tas-Solanaceae u tal-familja tal-Malvaceae	
0231010	Tadam	1
0231020	Bżar ħelu	1,5
0231030	Brunġiel	1
0231040	Bamja	1,5
0231990	Oħrajn (2)	1,5
0232000	(b) kukurbiti b'qoxra li tittiekel	0,4
0232010	Ħjar	
0232020	Ħjar tal-pikles	
0232030	Zukkini	
0232990	Oħrajn (2)	
0233000	(c) kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx	0,4
0233010	Bettieħ	
0233020	Qara' aħmar	
0233030	Dulliegħ	
0233990	Oħrajn (2)	
0234000	(d) qamħirrum ħelu	0,01 (*)
0239000	(e) ħxejjex tal-frott oħrajn	0,01 (*)
0240000	Ħxejjex tal-Brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)	
0241000	(a) Brassika li tagħmel il-fjuri	2
0241010	Brokkli	

1)	2)	3)
0241020	Pastard	
0241990	Oħrajn (2)	
0242000	(b) kaboċċi kkapoċċati	2
0242010	Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk	
0242020	Kaboċċa kkapoċċati	
0242990	Oħrajn (2)	
0243000	(c) brassika bil-weraq	
0243010	Kaboċċi Ċiniżi	30
0243020	Kaboċċi ("kales")	0,01 (*)
0243990	Oħrajn (2)	30
0244000	(d) ġdur	2
0250000	Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu	
0251000	(a) ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata	15
0251010	ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ	
0251020	ħass	
0251030	Skalora/indivja bil-weraq wesgħin	
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn	
0251050	Krexxuni tal-art	
0251060	Aruka	
0251070	Mustarda ħamra	
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika)	
0251990	Oħrajn (2)	
0252000	(b) spinaċi u weraq simili	
0252010	Spinaċi	0,01 (*)
0252020	Burdlieq	20
0252030	Weraq tas-selq	20
0252990	Oħrajn (2)	20
0253000	(c) weraq tad-dwieli u speċijiet simili	0,01 (*)
0254000	(d) krexxuni	0,01 (*)
0255000	(e) ċikwejra	0,01 (*)
0256000	(f) ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu	
0256010	Maxxita	0,02 (*)
0256020	Kurrat selvaġġ	0,02 (*)
0256030	Weraq tal-karfus	0,02 (*)
0256040	Tursin	20

1)	2)	3)
0256050	Salvja	0,02 (*)
0256060	Klin	0,02 (*)
0256070	Timu	0,02 (*)
0256080	Ħabaq u fjuri li jittieklu	0,02 (*)
0256090	Weraq tar-rand	0,02 (*)
0256100	Stregun	0,02 (*)
0256990	Oħrajn (2)	0,02 (*)
0260000	Legumi	
0260010	Fażola (bl-imżiewed)	1,5
0260020	Fażola (bla mżiewed)	0,3
0260030	Piżelli (bl-imżiewed)	2
0260040	Piżelli (bla mżiewed)	0,3
0260050	Għads	0,01 (*)
0260990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0270000	Ħxejjex biz-zokk	
0270010	Spraġ	0,01 (*)
0270020	Kardun	0,01 (*)
0270030	Krafes	15
0270040	Bużbież ta' Firenze	0,01 (*)
0270050	Qaqoċċ	0,1
0270060	Kurrat	0,01 (*)
0270070	Rabarbru	0,01 (*)
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu	0,01 (*)
0270090	Qlub tal-palm	0,01 (*)
0270990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0280000	Faqqiegħ, ħażiż u likeni	0,01 (*)
0280010	Faqqiegħ ikkultivat	
0280020	Faqqiegħ salvaġġ	
0280990	Ħażiż u likeni	
0290000	Alka u organiżmi prokarjoti	0,01 (*)
0300000	BUS U ĦEMES	
0300010	Fażola	0,3
0300020	Għads	0,01 (*)
0300030	Piżelli	0,01 (*)
0300040	Lupini/fażola tal-lupini	0,01 (*)
0300990	Oħrajn (2)	0,01 (*)

1)	2)	3)
0400000	ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT	
0401000	Żrieragħ taż-żejt	
0401010	Żerriegħa tal-kittien	1,5
0401020	Karawett	0,01 (*)
0401030	Żerriegħa tal-peprin	1,5
0401040	Ġulġlien	1,5
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol	0,5
0401060	Żerriegħa tal-lift	0,8
0401070	Fażola tas-sojja	0,4
0401080	Żerriegħa tal-mustarda	1,5
0401090	Żerriegħa tal-qoton	1,5
0401100	Żerriegħa tal-qara' aħmar	1,5
0401110	Żrieragħ tal-ġhosfor	1,5
0401120	Żerriegħa tal-fiddloqom	1,5
0401130	Żerriegħa tal- <i>camelina sativa</i>	1,5
0401140	Qannebusa	1,5
0401150	Fażola tar-riġnu	1,5
0401990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0402000	Frott taż-żejt	
0402010	Żebbuġ maħsub għall-produzzjoni taż-żejt	3
0402020	Qlub tal-palm taż-żejt	0,01 (*)
0402030	Il-frott tal-palm taż-żejt	0,01 (*)
0402040	Kapok	0,01 (*)
0402990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0500000	ĊEREALI	0,01 (*)
0500010	Xgħir	
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn	
0500030	Qamħirrum	
0500040	Millieġ komuni	
0500050	Ħafur	
0500060	Ross	
0500070	Segala	
0500080	Sorgu	
0500090	Qamħ	
0500990	Oħrajn (2)	
0600000	TEJJET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB	
0610000	Tejjet	0,05 (*)
0620000	Kafeni	0,05

1)	2)	3)
0630000	Infużjonijiet erbali mill-affarijiet li ġejjin:	
0631000	(a) mill-fjuri	0,05 (*)
0631010	Kamumella	
0631020	Ibisku	
0631030	Ward	
0631040	Ġiżimin	
0631050	Tilju	
0631990	Oħrajn (2)	
0632000	(b) mill-weraq u mill-ħxejjex aromatiċi	0,05 (*)
0632010	Frawla	
0632020	Rooibos	
0632030	Matè/Te tal-Paragwaj	
0632990	Oħrajn (2)	
0633000	(c) mill-għeruq	0,2
0633010	Valerjana	
0633020	Ġinseng	
0633990	Oħrajn (2)	
0639000	(d) minn kull parti oħra tal-pjanta	0,05 (*)
0640000	Żerriegħa tal-Kawkaw	0,05 (*)
0650000	Ħarrub	0,05 (*)
0700000	HOPS	0,05 (*)
0800000	ĦWAWAR	
0810000	Ħwawar taż-żerriegħa	0,05 (*)
0810010	Ħlewwa	
0810020	Kemmun iswed	
0810030	Karfus	
0810040	Kosbor	
0810050	Kemmun	
0810060	Xibt	
0810070	Bużbież	
0810080	Fienu	
0810090	Noċemuskata	
0810990	Oħrajn (2)	
0820000	Ħwawar tal-frott	0,05 (*)
0820010	Bżar tal-Ġamajka/piment	
0820020	Bżar tas-Sichuan	
0820030	Karwija	

1)	2)	3)
0820040	Kardamomu	
0820050	Frott tal-ġnibru	
0820060	Boċċi tal-bżar (suwed, ħodor u bojod)	
0820070	Vanilja	
0820080	Tamar tal-Indja/tamarindi	
0820990	Oħrajn (2)	
0830000	Ħwawar tal-qoxra tas-siġar	0,05 (*)
0830010	Kannella	
0830990	Oħrajn (2)	
0840000	Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi	
0840010	Għud is-sus	0,2
0840020	Ġiġer (10)	
0840030	Żaġħfran tal-Indja/kurkuma	0,2
0840040	Għerq tal-mustarda (11)	
0840990	Oħrajn (2)	0,2
0850000	Ħwawar tal-blanzuni	0,05 (*)
0850010	Imsiemer tal-qronfol	
0850020	Kappar	
0850990	Oħrajn (2)	
0860000	Il-ħwawar ta' qalb il-fjura	0,05 (*)
0860010	Żaġħfran	
0860990	Oħrajn (2)	
0870000	Ħwawar tal-aril	0,05 (*)
0870010	Il-qoxra ta' barra tan-noċemuskata	
0870990	Oħrajn (2)	
0900000	PJANTI TAZ-ZOKKOR	
0900010	Pitravi ħelu	0,05
0900020	Kannamieli	0,01 (*)
0900030	Għeruq taċ-Ċikwejra	0,05
0900990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
1000000	PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TERRESTRI	
1010000	Prodotti bażiċi mill-affarijiet li ġejjin:	
1011000	(a) mill-ħnieżer	
1011010	Muskoli	0,2
1011020	Xaħam	0,5
1011030	Fwied	1,5

1)	2)	3)
1011040	Kliewi	1,5
1011050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	1,5
1011990	Oħrajn (2)	0,01
1012000	(b) mill-animali bovini	
1012010	Muskoli	0,2
1012020	Xaħam	0,5
1012030	Fwied	1,5
1012040	Kliewi	1,5
1012050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	1,5
1012990	Oħrajn (2)	0,01
1013000	(c) min-nagħaġ	
1013010	Muskoli	0,2
1013020	Xaħam	0,5
1013030	Fwied	1,5
1013040	Kliewi	1,5
1013050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	1,5
1013990	Oħrajn (2)	0,01
1014000	(d) mill-mogħoż	
1014010	Muskoli	0,2
1014020	Xaħam	0,5
1014030	Fwied	1,5
1014040	Kliewi	1,5
1014050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	1,5
1014990	Oħrajn (2)	0,01
1015000	(e) mill-ekwini	
1015010	Muskoli	0,2
1015020	Xaħam	0,5
1015030	Fwied	1,5
1015040	Kliewi	1,5
1015050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	1,5
1015990	Oħrajn (2)	0,01
1016000	(f) mill-pollam	
1016010	Muskoli	0,02
1016020	Xaħam	0,04
1016030	Fwied	0,15
1016040	Kliewi	0,15
1016050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,15
1016990	Oħrajn (2)	0,01

1)	2)	3)
1017000	(g) minn annimali terrestri mrobbijin oħrajn	
1017010	Muskoli	0,2
1017020	Xaħam	0,5
1017030	Fwied	1,5
1017040	Kliewi	1,5
1017050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	1,5
1017990	Oħrajn (2)	0,01
1020000	Ħalib	0,02
1020010	Bhejjem tal-ifrat	
1020020	Nagħaġ	
1020030	Mogħoż	
1020040	Żwiemel	
1020990	Oħrajn (2)	
1030000	Bajd tal-għasafar	0,15
1030010	Tiġieġ	
1030020	Papri	
1030030	Wizz	
1030040	Summien	
1030990	Oħrajn (2)	
1040000	Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura (7)	0,05 (*)
1050000	Amfibji u Rettili	0,01
1060000	Annimali terrestri invertebrati	0,01
1070000	Annimali vertebrati terrestri slavaġ	0,01
1100000	PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ĦUT, PRODOTTI TAL-ĦUT U KULL PRODOTT TAL-IKEL TAL-BAĦAR JEW TAL-ILMA ĦELU IEĦOR (8)	
1200000	PRODOTTI JEW PARTIJET MILL-PRODOTTI UŻATI BISS GĦALL-PRODUZZJONI TAL-GĦALF (8)	
1300000	PRODOTTI TAL-IKEL IPPROĊESSATI (9)	

(*) Jindika l-limitu l-aktar baxx tad-determinazzjoni analitika

(^e) Għal-lista sħiħa tal-prodotti ta' oriġini mill-pjanti u l-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, għandha ssir referenza għall-Anness I^e.